MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru 39/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Stephen Mackay**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stephen Mackay ta’ 32 sena bin Anthony u Josephine neee’ Agius imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Awwissu 1976 u residenti 84, Flat 4, Triq l-Ifran, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 516376(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-15 ta’ Ottubru 2008 fil-hanut tieghu maghruf bhala City Gate Boutique sitwat fil-Belt Valletta xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka,

sinjal jew emblema imxebbhin b’ qerq u cioe’ numru ta’ cinturini, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) (f) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali , Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Jannar, 2009 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas- 27 ta’ Marzu, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kkopera bi shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 298 (1) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment fis-seduta ta' llum u mmarkati bhala Dok MC2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------